**6 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Pawla armla ta' Emmanuel Formosa, Samuel Formosa, Margherita xebba Formosa

*versus*

Katerina armla ta' Giuseppe Gauci, Joseph Frendo, Carmela mart Francesco Dimech, Dr. Mark Chetcuti u l-P.L. Carmen Depasquale nominati kuraturi *ad litem* sabiex jirrappreżentaw lil Agostino Frendo li huwa mentalment inkapaċitat, Carmelo Micallef, Francesco Micallef u b'digriet tad-9 ta' Settembru, 1996, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Carmelo Gauci, Emanuel Gauci, Giorgia mart Charles Newton, Rita mart John Vella u Victoria armla ta' John Pisani u Toni Gauci, konsegwenti l-mewt ta' Caterina Gauci u b'digriet tal-15 ta' Novembru, 1996 ġew maħtura Dr. Leslie Cuschieri u l-P.L. Veronica Rosignaud biex jirrappreżentaw lill-assenti Emanuel Gauci, Giorgia mart Charles Newton u Carmelo Gauci eredi tal-mejta Katerina Gauci

**Serviġi - Preskrizzjoni - Interruzzjoni ta' - Debitu Illikwidu - Rikonoxximent ta'**

*Il-Qorti laqghet talba ghal-likwidazzjoni u kundanna ħlas. Irriferiet ukoll ghall-prinċipju illi kull rikonoxximent jew ammissjoni ta' debitu anke jekk illikwidu jipproduċi l-effett ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fis-26 ta' Ottubru, 1992 li permezz tagħha *l*-atturi, wara *li* ppremettew *illi* huma għal diversi snin kemm personalment kif ukoll permezz tal-familjari tagħhom, irrendew diversi serviġi, kuri u assistenzi lill-mejtin Gioacchino u Giuseppa, xebba, aħwa Said; illi l-istess Gioacchino u Giuseppa aħwa Said mietu t-tnejn intestati fil-21 ta' Frar, 1990 u fit-3 ta' Frar, 1988 rispettivament; illi minkejja d-diversi wegħdiet tagħhom, l-istess aħwa Said naqsu li jikkompensaw lill-atturi tad-diversi serviġi, kuri u assistenzi minnhom lilhom reżi u mill-istess Gioacchino u Giuseppa aħwa Said aċċettati matul dawn l-aħħar diversi snin; illi l-konvenuti, bħala l-eredi universali tal-mejtin Gioacchino u Giuseppa aħwa Said, qegħdin jirrifjutaw li jersqu bonarjament għal-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens ġust dovut lill-atturi; talbu li din il-Qorti, prevja jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li huma bħala eredi universali tal-mejtin Gioacchino u Giuseppa aħwa Said, huma responsabbli għall-ħlas ta' serviġi, kuri u assistenzi dovuti lill-atturi;

Tillikwida l-ħlas dovut mill-konvenuti lill-atturi għas-serviġi, kuri u assistenzi reżi mill-atturi lill-mejtin Gioacchino u Giuseppa aħwa Said, kemm personalment kif ukoll permezz tal-familjari tagħhom u dana matul dawn l-aħħar diversi snin;

Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu *in solidum* bejniethom, l-ammont kollu hekk likwidat;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-7 ta' Diċembru, 1990 u bl-inġunzjoni ta' l-istess konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka. Bl-imgħaxijiet ukoll skond il-liġi;

Rat id-dikjarzzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-atturi;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Dr. Mark Chetcuti *et noe* li eċċepew illi huma mhux edotti mill-fatti tal-kawża u għalhekk jirriservaw li jirrispondu fi stadju ulterjuri;

Rat in-nota tal-konvenuti Carmelo Micallef *et* preżentata fit-23 ta' Frar, 1993 li permezz tagħha eċċepew:

Preliminarjament il-preskrizzjoni kwinkwennali safejn huwa applikabbli;

Illi fil-meritu t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li huwa kontestat li l-atturi pprestaw diversi serviġi, kuri u assistenzi lill-mejtin aħwa Said kif allegat;

Illi jekk ġew reżi serviġi dawn ġew kompensati;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti msemmija;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Marzu, 1993 li permezz *tiegħu ġie maħtur Dr. Saviour Demicoli bħala assistent* ġudizzjarju biex jisma l-provi tal-partijiet, sussegwentement sostitwit b'Dottoressa Marija Dolores Gauci bl-istess inkarigu u fakoltajiet b'digriet tat-22 ta' Ottubru, 1993;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Dr. Leslie Cuschieri *et noe* li eċċepew li huma mhux edotti mill-fatti u ma għandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuni li kienu qegħdin jirrappreżentaw;

Semgħet lill-partijiet u x-xhieda minnhom prodotti u ħadet konjizzjoni tad-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Mejju, 1997 meta l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għal-lum in difett ta' ostakolu li ma tressaqx;

Ittrattat il-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi Gioacchino u Giuseppa aħwa Said li kienu jabitaw waħedhom ix-Xagħra, Għawdex, mietu intestati fil-21 ta' Frar, 1990 u fit-3 ta' April, 1988 rispettivament. Dawn kellhom diversi familjari konsistenti f'oħthom, il-konvenuta Katerina Gauci, u neputijiet li uħud minnhom kienu jgħixu Malta u oħrajn jgħixu Għawdex. Mhux kontestat li l-konvenuti huma l-eredi universali ta' l-aħwa Said u għalhekk l-atturi, li kienu ġirien tagħhom u li qed jallegaw li għal diversi snin ipprestawlhom serviġi u assistenzi, qed jitolbu li jiġu kkumpensati mingħand il-konvenuti ta' dak li għamlu mal-mejtin aħwa Said;

Il-konvenuti, jew aħjar uħud minnhom, qed jirreżistu din it-talba fl-ewwel lok billi jsostnu li qatt ma ġew prestati serviġi kif qed jiġi allegat; u f'każ li dawn ġew pretati l-atturi dejjem ġew ikkumpensati ta' dak li għamlu. Fl-aħħarnett qed jiġi eċċepit li kemm-il darba hemm xi dritt għal kumpens għandha tapplika l-preskrizzjoni ta' ħames snin;

Fid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa maċ-ċitazzjoni u maħlufa minn Samuel Formosa, l-atturi qalu li huma għal diversi snin, kemm personalment kif ukoll permezz tal-familjari tagħhom, irrendew diversi serviġi, kuri u assistenzi lill-mejtin Gioacchino u Giuseppa, xebba, aħwa Said. Illi minkejja d-diversi wegħdiet tagħhom, l-istess aħwa Said naqsu li jikkompensawhom u l-konvenuti rrifjutaw jersqu bonarjament

għal-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens;

In sostenn ta' din l-allegazzjoni tagħhom xhedu sew l-atturi kif ukoll diversi persuni li kienu jafu lill-mejtin aħwa Said;

Samuel Formosa xhed li ommu Paola Formosa u oħtu Marguerita *kienu l-prinċipali li kienu jirrendu serviġi miegħu.* Hu kien jagħmel *general maintenance* tad-dar tad-*decujus* u jsewwi l-bjut u jgħin lil Gioacchino fil-ġardina li kellu. Kien ukoll jitla' r-Rabat biex jixtri l-mediċini. Billi Giuseppa Said ma kinitx timxi it-tindif meħtieġ kienu jagħmluh ommu u oħtu li kienu ukoll, għall-aħħar ħames snin, inaddfu u jaħslu lil Giuseppa. Kien hu li ħa ħsieb id-difna u l-funeral ta' Giuseppa u ħareġ is-somma ta' Lm15 biex jixtrilha l-ħwejjeġ tad-difna. Ix-xhud kompla jispjega li Gioacchino kien isajjar hu iżda x-xiri ta' l-ikel u kull ma kien hemm bżonn għal borma kienet tagħmlu oħtu ċjoè Marguerita. Hu qal li d-*decujus* kienu dejjem jwiegħduhom li ser jikkompensawhom ta' dak li kienu qed jagħmlu magħhom u li jħalluhom fit-testment (*sic*);

Paola Formosa xhedet li kienet ilha tieħu ħsiebhom għal ċirka 52 *sena minn meta żżewġet. Hi qalet li Giuseppa kienet* damet sentejn fis-sodda qabel mietet u sew dak iż-żmien kemm qabel hi kienet taħsilha, taħsel u ssewwi l-ħwejjeġ, tfarfar, tnaddafha u anke tneħħilha l-ħmieġ ta' taħtha u kienet iġġib il-misħun mid-dar billi l-aħwa Said ma kellhomx misħun. Bintha *kienet taħsel l-art. Kienet tgħin lil Gioacchino jsajjar u titma lil* Giuseppa. L-attriċi kienet ukoll tagħmel it-*therapy* lil Giuseppa, u tnaddfilha l-feriti. Meta l-mejta ġiet Malta għal kura, fejn damet xi ħames xhur, l-attriċi ma kinitx baqgħet tieħu ħsiebha iżda reġgħet bdiet meta rritornat Għawdex;

L-attriċi kompliet tgħid li, għalkemm il-familja tal-mejta

kienu minn Għawdex, ħadd ma kien jiġi jarahom jew jgħinhom;

Marguerita Formosa xhedet li hi kienet taħsel l-art tad-dar ta' l-aħwa Said, taħslilhom ħwejjiġhom u tmur tixtrilhom. Għalkemm għamlet dan ix-xogħol għal ħafna snin qatt ma tħallset;

Mons. Eucharistico Sultana, Arċipriet tax-Xagħra xhed li meta kien imur għand id-*decujus*, fi żmien it-tberik u waqt il-ġbir, dejjem kien isib lil Paola Formosa ddur bihom u dan kemm ilu Arċipriet hemm. Inoltre, Gioacchino Said dejjem kien jgħidlu li Paola Formosa u l-familjari tagħha kienu jagħmlu ħafna magħhom;

Dun Ġwann Bartolo, li kien joqgħod viċin id-*decujus* xhed li kien jafhom sewwa u kien imur ta' spiss għandhom biex iqarben lil Giuseppa. Hemm dejjem kien isib lil Paola Formosa tagħmel il-faċendi tad-dar u anke taqdi lil Giuseppa. Dan għal perijodu ta' ċirka erba' jew ħames snin;

Dwar Gioacchono x-xhud qal li dan ma kienx kapaċi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu għalkemm kien jagħmel xi borma u jixxotta l-platti;

Maryanne Buttigieg, bint Paolo Formosa, ikkonfermat dak li xhedet l-istess Paola u anke żiedet tgħid li hi ukoll kienet tagħmel xi faċendi u tgħin lil ommha u oħta fit-tindif u x-xiri. Lil familjari tad-*decujus*, ħlief għal Vitorina u Toni, qatt ma rathom. Hi taf li meta Gioacchino kien l-isptar dan ried jagħmel testment iżda dan ma sarx billi tabiba Ġermaniża qalet li ma kienx kapaċi;

Toni Gauci, wieħed mill-konvenuti, iben Katerina, xhed li hu joqgod ir-Rabat, Għawdex. Hu kien imur għand l-aħwa Said

*darba jew darbtejn fil-ġimgħa. Hu xhed li l-atturi Paola u bintha* kif ukoll Samuel Formosa kienu jagħmlu dawk il-faċedni kollha li semmew fix-xhieda tagħhom, ta' liema qatt ma tħallsu. Hu qal li d-*decujus* kienu ser jiktbu d-dar lil Paola Formosa u anke Gioacchino kien talbu jġib Nutar l-isptar biex jagħmel testment iżda dan ma sarx għax Gioacchino kien mar għall- għar. Ix-xhud qatt ma ra lill-konvenuti l-oħra d-dar tad-*decujus*. Ix-xhud qal li d-*decujus* kellhom Lm700 il-bank u Lm200 id-dar;

Il-konvenuta Vitorina Pisani kkonfermat dak li qal ħuha Toni Gauci;

Apparti din ix-xhieda l-atturi ppreżentaw kopja uffiċjali ta' ittra uffiċjali ddatata 4 ta' Frar, 1991 li permezz tagħha interpellaw lill-konvenuti jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tas-serviġi reżi minnhom lill-mejtin Josephine u Gioacchino aħwa Said għal diversi snin. Ġew esebiti ukoll żewġ ittri, waħda min-Nutar Alex Sceberras Trigona ddatata 8 ta' Awissu, 1991 u oħra ta' Dr. Mark Busuttil, ddatata 25 ta' Settembru, 1991 fejn jidher li wara l-ittra uffiċjali fuq imsemmija kien hemm xi trattattivi sabiex din il-pendenza tiġi riżolta;

*Illi kontra din ix-xhieda prodotta mill-atturi xhedu l-uħud* mill-konvenuti u dawn ippruvaw jixejnu l-allegazzjonijiet ta' l-atturi billi qalu li huma qatt ma raw lill-atturi fid-dar tal-mejtin aħwa Said, li kien hemm ħafna ħmieġ fid-dar, li l-mejjet Giocchino kien jieħu ħsieb tiegħu nnfisu u li l-mejtin kienu dejjem igorru magħhom. Iżda l-Qorti tirrileva li l-provi mressqa mill-konvenuti ma huma xejn konvinċenti. Infatti, l-istess konvenuti li xhedu f'dan is-sens rarament kienu jmorru jżuru lill-mejtin aħwa Said. Xi darba jew l-aktar darbtejn fis-sena donnu bħala obbligu. Huma kontradetti mill-istess konvenuti Toni Gauci u Vitorina Pisani. U ċertament fil-kondizzjoni li kienet tinsab Giuseppa Said din bilfors kien jeħtiġilha assistenza

kontinwa li ma setax jirrendilha ħuha l-mejjet Gioacchino billi kien bniedem avvanzat;

Inoltre, jiġi rrilevat li mill-istess nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti, kif ukoll mill-korrispondenza li ġiet skambjata wara l-mewt ta' l-aħwa Said, jidher li l-istess konvenuti huma tal-fehma li xi serviġi ġew prestati lill-mejtin aħwa Said. Infatti l-konvenuti qegħdin jeċċepixxu l-ħlas u l-preskrizzjoni;

Din il-Qorti għalhekk, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha u tal-provi prodotti, hi tal-fehma li effettivament l-atturi rrendew il-prestazzjonijiet minnhom allegati lill-mejtin aħwa Said;

Dan stabilit, iridu issa jiġu eżaminati l-eċċezzjonijiet l-oħra ssollevati mill-konvenuti u ċjoè l-kompensazzjoni u l-preskrizzjoni kwinkwennali;

Ma nġiebet ebda prova da parti tal-konvenuti, li l-atturi ġew b'xi mod kompensati ta' dak li kienu għamlu ma' l-aħwa Said. Din il-prova kienet tispetta lil min jallegaha. Għal kuntrarju l-atturi dejjem ċaħdu li huma b'xi mod ġew ikkompensati għas-serviġi minnhom prestati. Infatti huma dejjem sostnew li l-aħwa Said kienu jgħidulhom li ser jikkompensawhom billi jħallu d-dar ta' l-abitazzjoni tagħhom lill-attriċi Paola Formosa. Tenut kont tat-tenwità ta' l-assi ta' l-aħwa Said u tas-serviġi reżi, din kienet tagħti lok għall-aspettativa li kienet tikkumpensa għal dak kollu li kien sar mill-atturi. Infatti, kif xhed l-istess konvenut Toni Gauci, hu kien ġie mogħti istruzzjonijiet minn Gioacchino Gauci biex iressaq Nutar sabiex dan jagħmel testment biex iħalli d-dar lill-attriċi. Sfortunatament dan ma sarx għal raġunijiet kompletament indipendenti mill-volontà tad-*decujus*;

Din l-eċċezzjoni għalhekk qed tiġi miċħuda billi ma

jirriżulta ebda pagament magħmul lill-atturi mill-mejtin aħwa Said;

Il-konvenuti qegħdin ukoll jeċċepixxu l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni *bid-dekors ta' ħames snin a terminu ta'* l-*artikolu* 2156 (f) tal-Kap. 16;

L-aħwa Said mietu rispettivament fit-3 ta' April, 1988, Giuseppa u fil-21 ta' Frar, 1990, Gioacchino. Il-proċeduri odjerni ġew istitwiti fis-26 ta' Ottubru, 1992, iżda ġew preċeduti bil-preżentata ta' ittra uffiċjali interpellatorja ta' l-4 ta' Frar, 1991. Għalhekk proprjament jekk din l-eċċezzjoni kellha tirnexxi l-kumpens dovut lill-attur jista' jiġi komputat biss fuq perijodu li ma jmurx oltre Frar, 1986 u ċjoè d-data meta l-imsemmija ittra uffiċjali ġiet notifikata lill-konvenuti;

Iżda l-atturi qegħdin jippretendu kumpens għall-perijodu twil matul liema huma rrendew serviġi lill-aħwa Said. Infatti, l-istess *Paola Formosa xhedet li kienet ilha tgħinhom għal fuq* ħamsin sena. Ulieda ċertament ma kinux jirrendu serviġi għal dan il-perijodu ta' snin, iżda żgur għal aktar minn ħames sninn qabel il-mewt ta' l-istess aħwa Said;

Il-Qorti għalhekk trid tara jekk b'xi mod id-debituri rrikonoxxew l-obbligu tagħhom għal ħlas ta' serviġi u b'hekk il-preskrizzjoni ġiet interrotta jew saħansitra rinunzjata b'tali rikonoxximent;

Illi, kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza mogħtija fis-16 ta' Settembru, 1994, fil-kawża **Carmelina Vella** ***et vs*** **Anthony Borg** ***noe et*** (Vol. LXXVIII - II - Sez. I) "Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tiegħu u li kontra tiegħu tkun bdiet timxi l-preskrizzjoni. Huwa risaput ukoll li, fil-każ li t-

terminu tal-preskrizzjoni jkun diġà ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali għal rinunzja għall-effetti tal-preskrizzjoni. Għandu jingħad ukoll illi l-interruzzjoni, kif ukoll ir-rinunzja, għall-preskrizzjoni, javverraw ruħhom ukoll meta r-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta' dejn likwidu. Dana jiġri meta jkun sar rikonoxximent ta' l-obbligu tal-ħlas iżda ma jkunx sar rikonoxximent ta' l-obbligu tal-ħlas ta' somma ta' flus determinata u speċifikata. Infatti, huwa aċċettat fil-ġurisprudenza u fid-dottrina, illi rikonoxximent jista' jkun ukoll *illiquido* kif isejjaħlu l-Giorgi (Ara Kollez. Vol. XXXIV - II - 742)";

Bħala fatt, jirriżulta sodisfaċentement li l-atturi verament irrendew serviġi lill-mejtin aħwa Said għal perijodu twil, li fil-każ ta' l-attriċi Paola Formosa, jmur oltre l-ħamsin sena. Infatti din kienet tnaddaf id-dar tagħhom, tfarfar, taħsel, u tagħmel dawk il-faċendi kollha meħtieġa sabiex dar tinżamm fi stat adegwat għal għixien ta' persuni. Fi żmien aktar reċenti, u bl-assistenza ta' ulieda, kienet ukoll tirrendi lil Giuseppa Said, dawk l-assistenzi meħtieġa bħala konsegwenza tal-mard u diżabilità tagħha. L-istess ulied kienu ukoll imorru jixtru, jagħmlu xogħlijiet fid-dar u fil-ġardina;

Irriżulta li l-atturi ma kellhomx l-intenzjoni li jirrendu dawn is-serviġi gratwitament. Irriżulta ukoll li l-mejtin aħwa Said kienu, f'diversi okkażjonijiet, u ma' nies diversi, jirrikonoxxu d-debitu tagħhom lejn l-atturi. Dan ir-rikonoxximent jirriżulta b'mod l-aktar manifest meta l-istess Gioacchino Said ried jagħmel testment sabiex jikteb id-dar ta' l-abitazzjoni tagħhom fuq l-attriċi biex ipattilha ta' dak kollu li hi u uliedha kienu għamlu miegħu. Infatti, jirriżulta li uħud mill-konvenuti rikonoxxew dan id-debitu fil-konfront ta' l-atturi;

Mill-provi prodotti għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li d-

debitu ġie rikonoxxut minn min kien obbligat għalih u li b'hekk avverat ruħha r-rinunzja għall-preskrizjoni ġà kompjuta, u konsegwentement, tirriżulta r-rinunzja għall-preskrizzjoni eċċepita, li għalhekk għandha tiġi respinta;

Is-serviġi u l-prestazzjonijiet mogħtija mill-atturi huma ta' forma ġenerika li, jista' jingħad, kienu jiġu prestati kull jum billi min-natura tagħhom kienu jkunu hekk meħtieġa. Il-bżonnijiet tad-dar, bħal ħasil ta' l-art, ħasil tal-ħwejjeġ, tindif, kuri u assistenzi lill-persuna marida, u xiri ta' ikel u mediċini, jirrikjedu attenzjoni ġurnaljera;

Il-kumpens li għandu jiġi llikwidat, iżda, għandu jieħu in konsiderazzjoni mhux biss is-servizz mogħti, iżda ukoll l-aspett finanzjarju ta' dawk li kienu qegħdin jibbenefikaw minnu;

Fil-każ in eżami jirriżulta li l-posizzjoni finanzjarja ta' l-aħwa Said ma kinitx tajba ħafna. Kellhom id-dar tagħhom bi proprjetà u xi depożitu l-bank u flus id-dar. L-assi kollha kien wieħed żgħir. Il-Qorti għalhekk ma tħoss li għandha tillikwida l-kumpens b'rata kummerċjali għal kull servizz partikolari u jkun aktar ekwu li tillikwida somma komplessiva *arbitrio boni viri* fil-konfront ta' l-atturi kollha;

Illi tenut kont tas-serviġi reżi, tal-perijodu twil li dawn ġew prestati, u tat-tenwità ta' l-assi ereditarju ta' l-aħwa Said, il-Qorti hi tal-fehma li l-kumpens li għandu jitħallas lill-atturi għandu jkun fl-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000);

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi, tiddikjara l-konvenuti, *qua* eredi tal-mejtin aħwa Said, bħala responsabbli għal ħlas ta' kumpens għas-serviġi reżi mill-atturi lid-*decujus*,

tillikwida dan il-kumpens fis-somma ta' elfejn lira Maltija u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenuti, solidalment bejniethom, iħallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.